

DEĊIJONIJIET

DEĊIJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

tat-23 ta' Ottubru 2012

dwar il-kwittanza għall-implementazzjoni tal-baġit ġeneralni tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010, Taqsima II — Kunsill

(2012/799/UE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-baġit ġeneralni tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010 (COM(2011) 473 — C7-0258/2011)⁽²⁾,
 - wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Kunsill għall-awtorità ta' kwittanza dwar il-verifikasi interni mwettqa fis-sena 2010,
 - wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-implementazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2010, flimkien mat-tweġibet tal-istituzzjonijiet⁽³⁾,
 - wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni⁽⁴⁾ dwar l-affidabilità tal-kontijiet, kif ukoll il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom hija bbażata, ipprovduva mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2010 skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu tad-data 10 ta' Mejju 2012⁽⁵⁾ li tipposponi d-deċiżjoni ta' kwittanza għas-sena finanzjarja 2010, kif ukoll ir-riżoluzzjoni ta' ma' dik id-deċiżjoni,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 314(10) u l-Artikoli 317, 318 u 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġeneralni tal-Komunitajiet Ewropej⁽⁶⁾, u b'mod partikulari l-Artikoli 50, 86, 145, 146 u 147 tiegħu,
 - wara li kkunsidra d-Deċiżjoni Nru 31/2008 tas-Segretarju ġenerali tal-Kunsill/Rappreżentant Għoli għall-Politika Barranija u ta' Sigurtà Komuni dwar ir-rimborż tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar tad-delegati tal-Membri tal-Kunsill⁽⁷⁾,
 - wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonal bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni tas-17 ta' Mejju 2006 dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja tajba⁽⁸⁾,
 - wara li kkunsidra r-Regola 77 u l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra t-tieni rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġits (A7-0301/2012),
1. Jiċċhad il-kwittanza lis-Segretarju ġenerali tal-Kunsill dwar l-implementazzjoni tal-baġit tal-Kunsill għas-sena finanzjarja 2010;

⁽¹⁾ ĠU L 64, 12.3.2010.

⁽²⁾ ĠU C 332, 14.11.2011, p. 1.

⁽³⁾ ĠU C 326, 10.11.2011, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU C 332, 14.11.2011, p. 134.

⁽⁵⁾ ĠU L 286, 17.10.2012, p. 22.

⁽⁶⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

⁽⁷⁾ Deċiżjoni li toħroġ mir-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill tat-22 ta' Lulju 2002 (ĠU L 230, 28.8.2002, p. 7).

⁽⁸⁾ ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-riżoluzzjoni t'hawn taħt;
3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni u r-riżoluzzjoni li hi parti integrali minnha lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Qorti tal-Ġustizzja, lill-Qorti tal-Audituri, lill-Ombudsman Ewropew u lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

Il-President

Martin SCHULZ

Is-Segretarju Ġeneralis

Klaus WELLE
